MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 800/2010

**Alvin Spiteri Debono (K.I. 16680G)**
**vs**
**Lorant Kulscar (54159A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogghbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta’ tliet elef u erba’ mitt ewro (€3,400) jew somma ohra verjuri rapprezentanti hlas u kumpens dovut mill-konvenut lill-attur ghal servizzi minnu resi lill-istess konvenut, inkluz ukoll il-hlas ta’ kumpens ghaz-zmien illi l-konvenut kien jirrisjedi fil-fond proprjeta’ tal-attur u ta’ beneficcji ohra arrekati lill-konvenut a bazi ta’ promessi u pattijiet illi kienu jikkontemplaw ir-rimbors fil-futur da parti tal-istess konvenut tal-ispejjez kollha maghmula mill-attur ghall-beneficcju tieghu, liema promessi u pattijiet ma gewx onorati mill-istess konvenut, bl-ispejjez tal-prezenti u tal-

mandat ta’ qbid u ta’ sekwestru kawtelatorju mahrug mill-attur kontra l-konvenut (bin-numri 1960/10 u 1961/10 rispettivament) u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota korrettiva fejn l-attur irreleva li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba ghandu jkun fl-ammont ta’ tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok l-azzjoni prezenti hija msejsa fuq kawza illecita u dan peress illi l-attur stieden lill-konvenut imur jghix ghandu sabiex huma jgawdu relazzjoni ommosesswali b’iktar liberta u kumdita’.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur jrid jipprova li jezistu l-elementi tal-azzjoni ghal servizzi.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur jrid jispecifika u jipprova x’inhuma s-‘servizzi’ u ‘beneficcji ohra’ arrekati lill-konvenut.

Illi fir-raba’ lok l-konvenut qatt ma pprometta lil jew ghamel pattijiet mal-konvenut illi jikkontemplaw ir-rimbors fil-futur ta’ kwalunkwe spejjez.

Illi fir-raba’ lok (sic.) u minghajr predgudizzju ghas-suespost l-attur gie ampjament rikompensat billi l-konvenut rrenda diversi servizzi lill-istess attur, ghal liema servizzi huwa qatt ma thallas, kif ukoll hallas ghal diversi bzonnijiet tal-attur ghal liema spejjez qatt ma gew rifuzi mill-attur.

Illi fil-hames lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija wahda ezagerata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepixxa li l-attur kellhu jhallsu s-somma ta’ elf u zewg ewro (€1,002) rapprezentanti valur ta’ *laptop*, kamera tar-ritratti u *electric massager*, propjeta’ tal-konvenut rikonvenzjonant, illi l-attur rikonvenzjonat naqas milli jirritorna lill-konvenut rikonvenzjonanti meta r-relazzjoni ta’ bejniethom spiccat u l-konvenut rikonvenzjonant ma baqax jghix fir-residenza tal-attur rikonvenzjonat.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju mahrug mill-konvenut rikonvenzjonant kontra l-attur rikonvenzjonat bin-numru elfejn mitejn u wiehed u tletin tas-sena elfejn u ghaxra (2231/10).

Ra r-risposta ta’ l-attur ghall-kontro-talba fejn eccepixxa li fl-ewwel lok qed jigi invokat il-*privilegum fori* a tenut tal-artiklu 767 tal-kapitlu 12 tal-Ligjiet ta’ Malta stante illi r-residenza ordinarja tal-attur rikonvenzjonat hija f’Ghawdex u ghalhekk il-kontro-talba ghanda tinstema’ quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar f’Ghawdex.

Illi fit-tieni lok qed tigi eccepieta l-intempestivita’ tal-azzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant.

Illi fil-mertu t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li, fl-ewwel lok mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat ghandu fil-pussess tieghu *camera* tar-ritratti u *electronic massager* appartenenti lill-konvenut rikonvenzjonant, u fit-tieni lok l-attur rikonvenzjonat kien qieghed izomm il-*laptop* bid-dritt ta’ *ius retentionis* stante li ghandu jiehu minghandu izjed milli jiswa l-istess *lap top* u tali *lap top* gie formalment depozitat taht l-awtorita’ tal-Qorti biex jigi liberament irtirat mill-istess konvenut rikonvenzjonant darba li huwa jhallas dak minnu dovut.

Illi ghalhekk t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Alvin Spiteri Debono, Lorant Kulscar, Nutar Charles Vella Zarb, Nathalie Farrugia, Sharon Catherine Evans, Daniela Camoin, Carmen Galea, Anthony Aquilina, Jennifer Debono, Emily Baldacchino, Fr Michael Bugeja, Audrey Ghigo, Roderick Cohen, Nadya Grech u Dr Christine Bellizzi.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi primarjament it-Tribunal jirrilleva li l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat giet sorvolata meta l-attur rikonvenzjonat, irrinunzja ghaliha u accetta li t-talba u l-kontro-talba jinstemghu kontestwalment quddiem l-istess Tribunal kif ppresjedut u dan ghaliex il-mertu tal-kawza hija l-istess fiz-zewg talbiet.

Illi mill-provi jirrizulta li dan il-kaz huwa dwar hlas u kumpens ghal hlasijiet u servizzi resi mill-attur lill-istess konvenut, inkluz ukoll il-hlas ta' kumpens ghaz-zmien illi l-konvenut ghamel jirrisjedi fil-fond proprjeta' ta' l-attur u ta' beneficcji ohra arrekati lill-konvenut a bazi ta' promessi u pattijiet illi kienu jikkontemplaw ir-rimbors fil-futur da parti tal-istess konvenut tal-ispejjez kollha maghmula mill-attur ghall-beneficcju tieghu, liema promessi u pattijiet ma gewx onorati mill-istess konvenut. Il-konvenut irrespinga bil-qawwa kollha l-pretensjoniet kollha attrici. Il-konvenut da parti tieghu pprezenta kontro-talba ghal *camera, body massager* u *lap top* li l-attur baqa' ma rritorahomx lill-konvenut. L-attur rikonvenzjonat qal illi huwa qatt ma kellu fil-pussess tieghu il-*camera* u *body massager* izda l-*lap top* li kien jinsab fil-pussess tieghu gie depozitat il-Qorti.

Mill-provi tal-attur intqal illi huwa kien iltaqa' mal-konvenut fuq *chat line* tal-internet ftit wara li l-konvenut kien wasal Malta. Wara xi granet il-partijiet ftiehmu li ma jibqghux jiltaqghu virtwalment fuq l-'internet' u minflok jiltaqghu rejalment wicc imb'wicc u minn hemm bdiet relazzjoni ntensa bejniethom. Wara gimghatejn li l-konvenut kien wasal Malta u ftit jiem wara li bdew isiru jafu lil xulxin, il-

partijiet iddecidew illi jghixu flimkien bil-ftehim illi jaqsmu l-ispejjez kollha ta’ bejniethom bin-nofs. Il-partijiet bdew jghixu flimkien f’Lulju, 2009 u ghexu flimkien sa Marzu, 2010. L-attur qal illi matul dak il-perjodu l-konvenut ma kienx qieghed jahdem hlief ghal xahrejn u spjega kif il-konvenut ma kienx ikkontribwixxa xejn ghall-ghejxien ta’ bejniethom ghalkemm kienu ftehmu illi hekk kien ha jkun. L-attur qal illi huwa spicca jmantni lill-konvenut ghal disa’ xhur. Illi mhux biss kien jixtri l-provisti ghad-dar huwa stess izda kien ukoll ihallas ghar-ristoranti meta johorgu jieklu barra. Qal ukoll illi tul iz-zmien li kien qieghed jghix ghandu l-konvenut, l-attur kellu zewg *cleaners*, li kienu jigu jnaddfu d-dar. Spjega ukoll kif huwa kien hallaslu ghal biljett ta’ l-ajru ghal Venezja izda l-konvenut ma kienx siefer maghhom. Illi rigward il-kontro-talba spjega kif huwa kien zamm il-*lap top* bhala garanzija li jithallas lura dak li kellu jaghtih il-konvenut tant illi l-*lap top* gie depozitat il-Qorti, izda dwar il-*body masager* u *camera* tar-ritratti huwa ma kien jaf xejn.

It-Tribunal sema’ x-xhieda tal-hbieb u kollegi tal-attur li kollha kkonfermaw illi kienu jisimghu minghand l-attur li kien huwa li kien imantni lill-konvenut, ihallaslu ghal kollox u kif kienu semghu mill-konvenut kemm xtaq jahdem sabiex ikollu introjtu tieghu.

It-Tribunal sema’ lil hbieb tal-konvenut li originarjament kienu ukoll il-hbieb tal-attur. Huma xehdu li l-konvenut ta’ spiss kien johrog flus minn butu, li kien jiehu hsieb t-tindif generali tad-dar u jaghmel x-xiri ta’ provvisti. Dawn l-istess hbieb kienu originarjament hbieb tal-attur izda mal-medda taz-zmien ma baqghux hbieb. Intqal minnhom li huma kienu ilhom jafu lill-attur diversi snin u kienu hbieb fil-qrib, izda l-hbieberija ma baqghetx dik li kienet bejniethom illum il-gurnata. It-tnejn qalu li l-attur kien ta’ spiss jidhol f’relazzjonijiet bl-ghagla u ta’ spiss kien jispicca mwegga’ wara li relazzjoni tintemm hesrem. Intqal ukoll illi l-impulsivita’ tal-attur kienet tiswielu hafna dieqa. Di fatti z-zewg xhieda stqarrew illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet bdiet b’pass mghaggel u kienu wissewh illi m’ghandux jibda jghix mal-konvenut meta lanqas biss kien jafu. Huma ddeskrivew kif fi ftit gimghat li kienu jafu lil

xulxin, l-attur stieden lill-konvenut sabiex imur jghix mieghu. Qalu ukoll illi kienu wissewh illi kien qed jghaggel bid-decizjoni li jibda jghix ma’ persuna li ma tantx kien jaf u fakkruh illi fil-passat qarib kien ghamel l-istess haga u kien spicca hazin hafna. Intqal ukoll illi l-attur kien qalilhom illi l-konvenut kellu xoghol *part-time* bhala *waiter* f’Bar Sicilia, San Giljan ftit wara li wasal Malta. Intqal ukoll minn Roderick Cohen, illi l-attur kien qallu illi kien kuntent hafna mall-konvenut u spjegalu kif il-ftehim ta’ bejniethom kien li l-konvenut kellu jaghmel *shopping* u t-tindif tad-dar u hu, jigifieri l-attur, jiehu hsieb l-affarijiet l-ohra. Intqal ukoll illi f’Settembru, 2009 il-konvenut ma baqghax jahdem Café’ Sicilia, San Giljan u beda kors tal-Ingliz. Sussegwentement beda jahdem fl-istabbiliment 5th Avenue, WaterFront, Valletta u wara li dan ghalaq f’Jannar ta’ 2010 beda jahdem fl-istabbiliment Café’ Cuba fi Frar, 2010. Intqal ukoll illi f’Dicembru, 2010 il-konvenut kien xtara vettura wara li omm il-konvenut kienet trasferit xi flus mill-Islovakja ghal Malta. Iz-zewg xhieda xehdu li l-attur tul ir-relazjoni kollha li huwa kellu mal-konvenut qatt ma semma’ li Kulscar kellu jaghtih xi flus.

It-Tribunal ra u sema’ x-xhieda ta’ Lorant Kulscar, il-konvenut, fejn qal illi huwa wasal Malta f’Gunju tal-2009 ghal btala twila wara li kien ghamel zmien jghix Londra. Huwa kien qieghed jallogja l-Metropole Hotel f’Tas-Sliema u kien ihallas hdax-il ewro (€11) kuljum u kien hallas ghal perjodu qasir bil-quddiem. Qal ukoll illi huwa mill-ewwel beda jipprova jsib xoghol bhala *waiter* f’wiehed mill-hwienet tax-xorb/kafe’ fl-inhawi ta’ Tas-Sliema u San Giljan. Illi bhala passatemp malli wasal Malta huwa kien jidhol gewwa websajt hekk imsejha Gayromeo u kien hemm li ltaqa’ mall-attur u ftehmu wara ftit illi jiltaqghu rejalment barra mic-*chat line*. Qal illi fi ftit zmien li kien jafu fuq ic-*chat line* l-attur beda jiddiskuti futur hieni flimkien. Stqarr illi mill-ewwel li ltaqghu huwa kien jghaddi l-iljieli fid-dar tal-attur ghalkemm huwa kellu l-Hotel imhallas minn qabel. Illi fi ftit gimghat l-attur stiednu sabiex imur jghix mieghu u baqa’ jinsisti sakemm l-konvenut accetta. Il-konvenut qal illi kien huwa li kien ikkonfronta d-diskors dwar kif ghandhom jaqsmu l-ispejjez u ftiehmu li huwa jhallas ghall-ikel u *shopping* u cioe’

ghall-ghejxien taghhom u l-attur ihallas l-ispejjez tad-dar. Spjega kif huwa kien ihallas ghax-xiri ta' provvisti *cash* bil-flus li kien qieghed jaqla' bhala wejter. Huwa mhux biss kien jiehu hsieb ix-xiri ta' provvisti ghalihom it-tnejn izda kien jiehu hsieb iz-zewgt iqtates tal-attur kif ukoll jiehu hsieb it-tindif tad-dar. Qal ukoll illi sa Awwissu, 2009 huwa kellu €2000 imfaddlin fil-kont bankarju tieghu li kellu Londra mall-HSBC u ddecieda f'Settembru, 2009 li jiehu kors tal-Ingliz sabiex ikun jista' jsib xoghol ahjar. Fil-frattemp huwa kien juza l-VISA *card* li huwa kellu fuq kont iehor mall-HSBC l-Ingilterra. F'nofs Ottubru, 2009 wara l-kors tal-Ingliz li segwa u hallas tmien mija u tmenin ewro (€880), sab impieg regolari mall-Cake Masters Limited (5$^{th}$Avenue, Valletta). F'Dicembru, 2009 l-konvenut xtara vettura li beda ukoll juzaha l-attur. Meta huwa safa' minghajr impieg f'Jannar, 2010, xahar wara beda jahdem fl-istabbiliment Café' Cuba. Spjega kif rigward il-vjagg imsemmi ta' Venezja, kien huwa li hallas il-kont tal-biljett wara li huwa kien hallas lill-attur in kontanti ghaliex il-biljett gie mhallas permezz ta' VISA *card* tal-attur. Spjega kif wara ftit xhur ir-relazzjoni ta' bejniethom ma kienetx dik li kellha tkun u l-partijiet bdew jibirdu minn xulxin ghalkemm l-attur dejjem baqa' jsostni u jiftahar ma' hbiebu kemm kienu kuntenti. Il-konvenut kien ihossu kontrollat mill-attur u ta' spiss kien jahseb jekk imurx lura lejn Londra. Qal ukoll li l-attur kien jghidlu li jekk ihallih ha jaghmillu hajtu difficli. Biz-zmien l-konvenut beda jiftah qalbu ma' Roderick Cohen peress illi huwa kien jaf lill-attur sewwa u huwa ghenu sabiex isib fond iehor fejn imur jallogja. L-attur ma tantx rcieva l-ahbar tajjeb hafna u fil-fatt ippakjalu l-bagalji hesrem u keccieh 'l barra mill-lejl ghan-nhar. Illi l-bagalji tal-konvenut gew ippakjati mill-attur u l-konvenut ma kellux cans jara l-kontenut taghhom. L-attur stqarr mieghu li kien ha jzomm il-*lap top* bhala garanzija ta' dak li l-konvenut kellu jaghtih. Izda l-konvenut ma kienx jaf ghalxiex kien qieghed jirreferi ghaliex sa dak inhar huwa qatt ma kellu xi hjiel illi huwa kellu jaghtih xi flus. B'riferiment ghall-kontro-talba jghid illi meta huwa fetah il-bagalji kellu l-*camera* tar-ritratti nieqsa kif ukoll *body massager*.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa tal-fehma li qudiemu ghandu kaz fejn il-verzjonijiet tal-partijiet huma djametrikament fl-oppost ta' xulxin. Illi minn dak li t-Tribunal ra u sema' tul il-kawza, l-verzjoni tal-attur ma kienetx konsistenti daqs dik tal-konvenut. Illi l-impulsivita' tal-attur imsemmija fix-xhieda prodotta mill-attur dehret ukoll fil-komportament tal-attur tul il-kawza. Illi jirrizulta lit-Tribunal li l-impulsivita' tal-attur igieghlu jiehu decizjonijiet irraxxibli. Illi fil-kaz in dezamina, meta zewg persuni jaqblu li jghixu flimkien, l-azzjoni *per se* li tghix ma' persuna iggarrab maghha certi konsegwenzi. Illi meta zewg persuni jiddeciedu li jghixu flimkien meta lanqas ma jafu lil xulxin, hija stedina ta' nkwiet. Normalment, zewg persuni jiftiehmu li jghixu flimkien wara certu perjodu li jkunu dahlu f'relazzjoni. Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur stieden lill-konvenut imur jghix mieghu mill-ewwel u dan kontra l-parir ta' siehbu ta' dak iz-zmien, Roderick Cohen, li kien diga ghenu f'relazzjonijiet ohra li sfaw imkissra fil-passat dejjem ghaliex l-attur kien jidhol passjonatament f'relazzjoni minghajr ma jahseb fil-konsegwenzi tal-agir tieghu. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi persuni maturi li jiddeciedu li jikkonvivu ghandhom jistabilixxu sa mill-bidu tar-relazzjoni kif ghandhom jaqsmu x-xogholijiet tad-dar bejniethom u l-ghjexien ta' bejniethom u jnizzlu kollox fi ftehim bil-miktub. Il-koabitazzjoni timplika shubija u shubija *per se* iggarrab maghha certi responsabilitajiet. Illi meta zewg persuni f'relazzjoni jiddeciedu li jikkoabitaw ghandhom l-ghazla li jew jafdaw lil xulxin jew ossia jfasslu ftehim ta' kif ghandhom jaqsmu l-ghejxien ta' bejniethom u dan ghandu jsir permezz ta' skrittura. Illi fil-kaz in dezamina jirrizulta li waqt illi l-koppja u cioe' l-partijiet kienu qieghdin jghixu flimkien ma kien hemm ebda pretenzjoni bejniethom u ma rrizulta ebda tilwim bejniethom. Illi kien biss wara li nfirdu li l-attur beda jfittex kumpens. Illi l-konvenut da parti tieghu stqarr illi sehmu fir-relazzjoni tah u tah mhux biss fizikament billi kien huwa biss li jiehu hsieb it-tindif u l-facendi tad-dar, izda kien jaghmel u jhallas ghal *shopping* huwa stess. L-attur ikkontradixxa dak li qal il-konvenuut u minflok stqarr illi kien huwa li kien ihallas ghal- *shopping* u li kellu zewg *cleaners*. It-Tribunal emmen lill-konvenut meta qal illi huwa fil-bidu kien hadem xoghol *part-time*. Illi

huwa kien jahdem xoghol *part-time* u li kien jikkontribwixxi ghax-xiri ta’ provisti u tindif tad-dar filwaqt li l-attur kien jiehu hsieb il-kontijiet. Illi rrizulta li mhux biss l-konvenut kien qieghed jahdem minn zmien ghal zmien izda li kellu ukoll flus il-bank fl-HSBC l-Ingilterra li huwa kien jitrasferrixxi Malta minn zmien ghal zmien skont kif gie ezebit in atti (Dok. LKA1 a fol. 160 ‘l quddiem). Illi b’kollox il-flus li kellu mfaddlin f’Londra kienu nqas minn tliet t’elef ewro (€3000) izda dan kien juzahom regolarment Malta kif gie ppruvat minnu.

In konkluzjoni, hija l-fehma tat-Tribunal li l-partijiet kienu jghixu flimkein bhala stat ta’ fatt u kienu jaqsmu kollox bejniethom. Fehem li din il-kawza m’hijiex ibbazata fuq ebda prova konkreta hlief ghal dak li gie allegat mill-attur u l-konvenut rikonvenzjonanti fil-kontro-talba tieghu. It-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li, l-partijiet ghagglu meta bdew jghixu flimkien qabel ma kienu jafu sew lil xulxin. Illi dawn iz-zewg individwi bdew relazzjoni intensa wisq malajr minghajr ma fasslu pjan ta’ kif ha jaqsmu d-doveri taghhom. Illi hija l-fehma tat-Tribunal, illi l-konvenut kien iktar konsistenti tul il-kawza. Mill-provi tal-attur, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur ipprova jaghti impressjoni li l-konvenut kien qieghed biss jghix minn fuq dahru izda mill-provi kollha li t-Tribunal ezamina bir-reqqa ra li l-konvenut kien ta’ kontribut, forsi mhux kif xtaq l-attur izda huwa minnu li l-konvenut kien jiehu hsieb il-facendi u tindif (l-attur qatt ma gab il-persuni li allegatament kienu jnaddfu l-fond tieghu), u li kellu flus f’kontijiet bankarji u li gieli kien jitrasferixxi xi flus Malta. It-Tribunal jemmen li l-konvenut kien qieghed jahdem xoghlijiet *part-time* u li kien jithallas *cash*. Illi sabiex it-talba tirnexxi, t-Tribunal kellu bzonn jara prova konkreta tas-servizzi resi mill-attur, ricevuti ta’ hlasihiet dovuti u l-ftehim konkret u bil-miktub ta’ kif il-partijiet kienu ha jaqsmu d-doveri taghhom, in mankanza ta’ tali skrittura t-talba qatt ma tista’ tirnexxi. Illi l-promessi u pattijiet allegati mill-attur lanqas ma gew ippruvati. Illi sal-lum f’pajjizna m’hemmx ligi li tirregola l-koabitazzjoni u ghaldaqstant il-partijiet ghandhom jiftiehmu minn qabel dwar l-infiq u d-dhul ta’ bejniethom u ghandhom ifasslu ftehim iddettaljat. Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu li l-prospett dettaljat ezebit a fol. 52 ma giex ippruvat.

Illi jekk l-attur dehrlu li huwa kellu jiehu xi flus ma kellux jistenna wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom u kellu jirregolarizza l-posizzjoni tieghu ahjar sa mill-bidu. Illi sabiex jipprotegi ruhu u l-interessi tieghu kellu jzomm rendikont ta' l-infiq kollu jew jitlob ricevuta izda mhux ihalli li relazzjoni tiqras qabel ma jibda jfittex l-interessi tieghu.

It-Tribunal huwa konvint illi l-partijiet ghaglu meta dahlu f'relazzjoni intensa fi zmien gimghatejn u bdew jghixu flimkien minghjar ma kienu jafu lil xulxin sewwa. It-Tribunal huwa konvint illi kien l-attur li stieden lil Kulscar sabiex jghixu flimkien, izda din ir-relazzjoni ma kellhiex bazi soda u wara ftit xhur bdiet tintemm. Illi t-Tribunal jidhirlu li n-nuqqas ta' hsieb tal-attur meta ghazel li jistieden gewwa daru persuna lilu skonoxxuta, kienet tinkorri certi riskji. Illi l-intempestivita' tal-agir tal-partijiet gabet maghha certi konsegwenzi. Illi meta wiehed jiehu decizjoni kif hadu l-partijiet ghandhom jiftiehmu minn qabel u jekk il-ftehim bejniethom ma jkunx car allura ghandu jkun regolarizzat bi skrittura.

Illi fil-kaz in ezami, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut ta' l-kontribut tieghu kemm finanzjarju kif ukoll f'servizzi domestici. Illi jekk lill-attur dehrlu li ma kienx sodisfatt bil-kontribizzjoni tal-konvenut kellu jinsisti mod iehor. Lit-Tribunal huwa car illi sakemm il-partijiet kienu flimkien, l-attur ma kellu ebda problema mal-konvenut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur ma ppruvax li l-konvenut huwa debitur lejh u huwa tal-fehma li t-talba m'hijiex bazata fuq ebda prova konkreta u konsegwentement ma gietx ippruvata.

Illi rigward il-kontro-talba l-konvenut rikonvenzjonanti ma ppruvax illi l-attur kien zamm il-*body massager* u *l-camera* tar-ritratti. Izda b'ammissjoni stess tal-attur kien zamm il-*lap top* bhala garanzija tal-hlas li kellu jiehu mill-konvenut. Illi t-Tribunal ma jhossx illi l-attur kellu ghalfejn jzomm il-*lap top*, meta huwa ha prekawzjonijiet permezz ta' mandat ta' sekwestru u ghaldaqstant ihoss illi meta zamm il-*lap top* huwa ghamel dan biss b'pika. It-Tribunal jidhirlu li l-

konvenut rikonvenzjonanti ma ppruvax illi l-*body massager* u l-*camera* tar-ritratti baqghu ghand l-attur minkejja li l-konvenut qal illi dawn iz-zewg oggetti kienu jinsabu f'dar l-attur u kien l-attur stess li kien ippakkjalu hwejjgu. Illi rigward il-*lap top*, it-Tribunal jidhirlu li l-attur kellu mezzi legali ohra sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu kif fil-fatt ghamel meta hareg mandat kontra l-konvenut u mhux billi jzomm *lap top* appartenenti lil terzi, meta l-istess *lap top* jitlef biss fil-valur maz-zmien. Ghal din ir-raguni, t-Tribunal *arbitrio boni viri*, ihoss illi l-attur rikonvenzjonat ghandu jikkumpensa lill-konvenut fis-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) ghaz-zmien li l-attur hallih nieqes minn hwejjgu minghajr gusta kawza u l-konvenut ghandu jirtira l-*laptop* depozitat il-Qorti.

Ghaldaqstant, minhabba nuqqas ta' provi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici u jilqa' l-kontro-talba *in parte* u jikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonanti s-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez ta' din l-istanza ghandhom jinqasmu tlett kwarti ghall-attur u kwart ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------